# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2007

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**L-EWWEL SENA** **STORJA** **ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

**ISEM:** ______________________________ **KLASSI:** __________

**1.** **Qabbel dawn il-kliem. L-ewwel waħda ġiet mogħtija bħala eżempju.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | preturi | | iben l-alla Ra |
| 2. | mummja | | belt tal-Feniċi |
| 3. | *papyrus* | 1 | jinterpretaw il-liġi |
| 4. | farawni | | Ġove |
| 5. | piramida | | il-liġi miktuba |
| 6. | *Biblos* | | il-katavru bbalzmat tal-farawni |
| 7. | Latin | | avukat magħruf Ruman |
| 8. | gladjaturi | | lingwa użata mir-Rumani |
| 9. | Ċiċerun | | ilsiera mħarrġa fil-ġlied |
| 10. | Żeus | | użata għall-kitba |
| 11. | It-Tnax-il Tavla | | fejn jindifen il-farawni |

**(1 x 10 = 10 marki)**

**2.** **Ikteb jekk hux VERU jew FALZ**

2.1 Il-Griegi daħħlu l-vokali fl-alfabett. ____________

2.2 Fil-piramidi hemm kitba fil-forma ta' tpinġija. ____________

2.3 L-Eġizzjani ma kinux jemmnu f'ħajja wara l-mewt. ____________

2.4 Kajjus Verres tilef il-kawża kontra Ċiċerun. ____________

2.5 Fil-preistorja n-nies kienu jafu jinsġu. ____________

2.6 Il-ħaġra ta' Majmuna hija fdal Puniku. ____________

2.7 F'Tal-Mintna fl-Imqabba nstab katakombi. ____________

2.8 L-Għarab influwenzaw il-lingwa Maltija. ____________

2.9 Annibali kien ġeneral Grieg. ____________

2.10 Titu Sempronju Longu għeleb lil Annibali. ____________

**(1 x 10 = 10 marki)**

3. **<u>Ħares lejn l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet</u>**



3.1 L-oġġett f'din l-istampa ġej mill-perjodu Puniku. X'tifhem bil-kelma "puniku"?

______________________________________________

______________________________________ (marka)

3.2 Kemm instabu fdalijiet bħal dan ta' l-istampa fil-gżejjer Maltin?

______________________________________ (marka)

3.3 Semmi tliet tipi ta' fdalijiet oħra Puniċi li nstabu f'Malta.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________ (3 marki)

3.4. Ikteb xi tagħrif fuq il-Feniċi u l-importanza tagħhom fl-istorja tar-reġjun madwar il-Mediterran.

__________________________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________ (5 marki)

**(Total – 10 marki)**

4. **<u>Aqra s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet</u>**

*"Ir-Rumani kienu jgħixu ħajja ċivilizzata u regolata minn sistema ta' liġijiet li kienu jgħoddu għaċ-ċittadini Rumani kollha. Barra dawn il-liġijiet ir-Rumani kellhom ukoll postijiet fejn jiddevertu. Insemmu t-teatri fejn kienu jaraw it-traġedji u l-kummiedji kif ukoll l-istadji fejn kienu jaraw il-logħob bħat-tlielaq taż-żwiemel. Kienu jagħtu ġieħ lid-diversi allat tagħhom f'tempji sbieħ ta' l-irħam. Xi tfal kienu jingħataw edukazzjoni filwaqt li oħrajn kienu jitħarrġu f'diversi snajja'. Il-fdalijiet ta' statwi sbieħ, tempji, bini mżejjen bil-mużajk kif ukoll ta' toroq li għadhom jidhru sal-lum jixhdu li dan il-poplu kien laħaq livell għoli ta' għixien."*

4.1 Is-soċjetà Rumana kienet maqsuma f'żewġ klassijiet. Liema kienu?

________________________________________ (2 marki)

4.2 Min kienu Romulus u Remus?

________________________________________ (2 marki)

4.3 F'liema post fir-Rabat ta' Malta nstab bini mżejjen bil-mużajk Ruman?

________________________________________ (marka)

4.4 Kif kien jissejjaħ il-bini li permezz tiegħu kien jitwassal l-ilma?

________________________________________ (marka)

4.5 Semmi żewġ postijiet li ntrebħu mill-ġeneral Ġulju Ċesri.

________________________________________ (2 marki)

4.6 Xi ġralu dan il-ġeneral meta ried jaħtar lilu nnifsu imperatur Ruman?

________________________________________ (2 marki)

4.7 Ikteb paragrafu dwar il-bini tal-Kolossew u dak li kien isir fih.

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

________________________________________ (5 marki)

**(Total – 15-il marka)**

## 5. Ħares lejn l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet



5.1 Din hija stampa ta' Herodotus, wieħed mill-ewwel kittieba ta' l-istorja. Semmi żewġ Griegi oħra magħrufin u għid f'liema oqsma kienu magħrufin.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (4 marki)

5.2 Id-demokrazija għandha rabta kbira mal-Griegi. Għaliex?

______________________________________________

______________________________________________ (2 marki)

5.3 Ateni kienet waħda mill-ibliet u stati indipendenti. Kif kienu magħrufin dawn l-ibliet?

______________________________________________ (marka)

5.4 Semmi kolonja li waqqfu l-Griegi fil-Mediterran.

______________________________________________ (marka)

5.5 Kif kien jissejjaħ il-logħob f'ġieħ l-allat li kienu jagħmlu l-Griegi ta' kull erba' snin?

______________________________________________ (marka)

5.6 Għalfejn kienu jissejħu b'dan il-mod?

______________________________________________ (marka)

5.7 Ikteb paragrafu dwar il-wirt li ħallewlna l-Griegi.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (5 marki)

**(Total – 15-il marka)**

6. **<u>Ikteb it-tifsira ta' dawn il-kliem</u>**

6.1 Neolitiku

______________________________________________________

______________________________________________________

6.2 Ipoġew

______________________________________________________

______________________________________________________

6.3 il-Ħeġira

______________________________________________________

______________________________________________________

6.4 il-Quran / Koran

______________________________________________________

______________________________________________________

6.5 *pax romana*

______________________________________________________

______________________________________________________

**(2 x 5 = 10 marki)**

7. **<u>Aqra s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet</u>.**

*"Bil-miġja ta' San Pawl, fil-gżejjer Maltin bdiet dieħla reliġjon ġdida, ir-reliġjon Nisranija. Qabel dak in-nhar, il-Maltin kienu jaduraw l-allat pagani li kienu jiġu meqjuma fil-kumplament ta' l-Imperu Ruman. Id-dfin kien isir fil-katakombi fejn l-Insara kienu jinġabru għal-laqgħat ta' talb."*

7.1 F'liema ktieb tal-Bibbja tissemma' l-ġrajja tan-nawfraġu ta' San Pawl?

______________________________________________________ (marka)

7.2 Semmi żewġ affarijiet li minnhom kien jibża' l-iżjed il-bniedem fi żmien il-preistorja.

______________________________________________________ (2 marki)

7.3 Minbarra fir-Rabat ta' Malta, semmi żewġ postijiet oħra fejn instabu fdalijiet Rumani fil-gżejjer Maltin.

______________________________________________________ (2 marki)

7.4 Aqta' sinjal taħt żewġ allat pagani li kienu jiġu mogħtija qima fil-gżejjer Maltin.

(Marte, Ġuno, Proserpina, Saturne, Bakkus) (2 marki)

7.5 X'tifhem bil-frażi *reliġjon tal-ktieb*?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)

7.6 Liema huma t-tliet reliġjonijiet hekk imsejħa tal-ktieb?

______________________________________________________________________ (3 marki)

7.7 X'għamel l-imperatur Kostantinu favur ir-reliġjon nisranija?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)

7.8 Min kienu l-Għarab Aglabiti?

______________________________________________________________________ (2 marki)

7.9 Taħt l-Għarab, il-Maltin kienu meqjusa bħala *dimmi.* X'tifhem b'din il-kelma?

______________________________________________________________________ (2 marki)

7.10 Fl-1048, il-Maltin għenu lill-Għarab meta l-gżejjer ġew attakkati mill-Biżantini. Għaliex ġara dan?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)

**(Total – 20 marka)**

**8. <u>Ikteb fit-tul fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti</u>**

8.1 Il-pika kbira bejn il-qawwa ta' Ruma u dik ta' Kartaġni wasslet għall-Gwerer Puniċi. Ikteb x'taf dwar dawn il-gwerer importanti.

8.2 Sal-lum ħafna jibqgħu mistagħġbin bis-sbuħija taċ-ċiviltà Eġizzjana. Għaliex?

8.3 Kif naħsbu li kienu jgħixu l-ewwel nies li kienu fil-gżejjer Maltin fil-preistorja?

**(Total – 10 marki)**